# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR IMĦALLEF
## DR FRANCESCO DEPASQUALE
**LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar il-Ħamis**
**Sitta (6) ta' Ottubru 2022**

**Rikors Numru 486/2008 FDP**

Fl-ismijiet

**Lawrence (ID 352257M) u Rita (ID 27760M) konjuġi Spagnol**
**Pierre Bellizi (ID 34268G)**

**Vs**

**Paul Demicoli (ID 488157M)**
**Kevin Bonnici (ID 557375M)**
**AIC Joseph Falzon (ID 254150M)**
**Nick Demicoli Construction Limited (C 17153)**
**Asfaltar Limited (C 8313)**

**Il-Qorti:-**

1. Rat ir-rikors datat 18 ta' Settembru 2008, li permezz tiegħu r-rikorrenti talbu s-segwenti:

***OĠĠETT TAL-KAWŻA***

1. *L-atturi konjuġi Spagnol huma s-sidien ta' l-utli dominju tal-garage li huwa fil-livell terran taħt Saint Francis Flats, fi Triq Ramon Perellos, San Pawl il-Baħar u sidien tal-ħwejjeġ u attrezzi tan-negozju maħżuna fl-istess garage waqt illi l-konvenuti huma s-sid tas-sit kontigwu fl-istess triq u dawk li kienu responsabbli għax-xogħolijiet ta' tħammil u tqattigħ li kienu qegħdin isiru fl- istess sit;*

2. *L-atturi konjuġi Spagnol u l-attur Pierre Bellizzi huma wkoll sidien ta' remote controlled vehicles użati fin-negozju tagħhom;*

3. *Il-konvenuti ma ħadmux kif iridu l-arti u s-sengħa, ma ħadux il-prekawzjonijiet meħtieġa u ma ssorveljawx ix-xogħolijiet, u, b'konsegwenza ta' hekk, fit-3 ta' Ġunju 2004 iġġarraf il-fond proprjetà ta' l-atturi, inqered l-istess fond u nqerdu l-ħwejjeġ li kellhom fil-fond u qrib tiegħu, fosthom ħwejjeġ li jużaw fin-negozju tagħhom;*

***IR-RAĠUNI TAT-TALBIET***

4. *Il-konvenuti huma għalhekk responsabbli għad-danni kbar li ġarrbu u qegħdin iġarrbu l-atturi, kemm minħabba telf materjali kif ukoll telf ta' qligħ min-negozju tagħhom;*

5. *Għalxejn l-atturi, bi protest ġudizzjarju tas-26 ta' Lulju 2004 u b'ittra uffiċjali ta' l-1 ta' Ġunju 2006 sejħu lill-konvenuti biex jersqu għal-likwidazzjoni u l-ħlas tad-danni, u għalhekk kellha ssir din il-kawża.*

***TALBIET***

*JGĦIDU GĦALHEKK. il-konvenuti għala ma għandhiex din il-Qorti:*

1. *Tgħid illi l-konvenuti, jew min minnhom, huma responsabbli għad-danni li ġarrbu l-atturi meta ġġarraf il-fond proprjetà ta' l-atturi u l-ħwejjeġ ta' go fih bi ħtija tal-konvenuti;*

2. *Tillikwida d-danni kollha li ġarrbu l-atturi konjuġi Spagnol, kemm telf materjali kif ukoll telf ta' qligħ, bi ħtija tal-konvenuti;*

3. *Tillikwida d-danni kollha li ġarrbu l-atturi konjuġi Spagnol u l-attur Bellizzi flimkien, kemm telf materjali kif ukoll telf ta' qligħ, bi ħtija tal-konvenuti; u*

4. *Tikkundanna lill-konvenuti, jew lil min minnhom, iħallsu lill-atturi d-danni hekk likwidati.*

*Bl-imgħax mis-26 ta' Lulju 2004, data tal-protest ġudizzjarju, u bl-ispejjeż, inklużi dawk tal-protest ġudizzjarju tas-26 ta' Lulju 2004, ta' l-ittra uffiċjali ta' l-1 ta' Ġunju 2006, l-ispejjeż tal-konsult u t-taxxa fuq il-valur miżjud (V.A.T), kontra l-konvenuti li huma minn issa mħarrkin biex jidhru għas-subizzjoni.*

2. Rat illi fit-23 ta' Ġunju 2008, l-intimat **Paul Demicoli** laqa' għal dak mitlub billi qajjem is-segwenti difiża:

***Dwar il-fatti;***

1. *Illi dwar il-fatti premessi mill-atturi fl-ewwel żewġ paragrafi tagħhom l-esponenti jirriservaw il-posizzjoni tagħhom b' dana illi l-atturi għandhom iressqu l-provi meħtieġa biex jippruvaw dak minnhom allegat.*

2. *Illi dwar il-fatti premessi fit-tielet paragrafu tad-dikjarazzjoni attriċi dawn huma kontestati billi l-esponent ma huwiex ħati għall-inċident li seħħ.*

3. *Illi dwar dak dikjarat fir-raba' u l-ħames paragrafi tad-dikjarazzjoni attriċi dawn ma humiex fatti iżda allegazzjonijiet li, da parti tal-esponent huma kontestati.*

***Eċċezzjonijiet:***

1. *Illi huwa m'għandux jiġi ritenut responsabbli għad-danni reklamati u għalhekk m'għandux jiġi kkundanat iħallas l-ebda danni.*

2. *Illi bla preġudizzju għas-suespost l-eċċipjent kien is-sid tal-fond li fuqu kellhom isiru x-xogħolijiet għal liema xogħolijiet huwa qabbad kuntratturi*

*tas-sengħa u liema xogħolijiet saru taħt is-superviżjoni ta' perit arkitett u bil-permessi kollha meħtieġa bil-liġi;*

3. *Illi bla preġudizzju għas-suespost id-danni huma kontestati;*

4. *Illi t-talbiet attriċi huma infondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiċu miċħuda bl-ispejjeż kontra l-atturi;*

5. *Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.*

3. Rat illi fit-2 ta' Lulju 2008, **Kevin Bonnici** u s-soċjeta' **Asfaltar Limited** laqgħu għal dak mitlub billi qajjmu s-segwenti difiżi:

   1. *Illi fil-meritu l-eċċipjenti ma kellhom ebda responsabbilita' għall-inċident meritu tal-kawża.*

   2. *Illi l-atturi għandhom jipprovaw d-danni kollha minnhom riklamati; B'mod partikolari għandhom jipprovaw l-eżistenza tal-oġġetti illi allegatament kienu jinsabu fil-fond tal-awtriċi tagħhom, l-valur tal-istess u l-fatt illi l-imsemmija oġġetti intilfu jew ġew danneġġjati bħala konsegwenza tal-inċident. Huma għandhom ukoll juru illi huma għamlu dak raġonevolment possibbli sabiex jevitaw d-danni ulterjuri, kif obbligati illi jagħmlu skond il-Liġi.*

   3. *Illi di piu l-korp ta' bini illi minnha kienet tifforma parti l-propjeta' tal-atturi ma kienx erett skond is-sengħa u l-arti.*

   4. *Illi l-atturi (il-konjuġi Spagnol u Pierre Bellizzi) jidhru illi qegħdin jakkumulaw il-pretenzjonijiet tagħhom għar-riżarċiment tad-danni f'talba waħda daqslikieku tali kreditu huwa wieħed solidali. Tali solidarjeta', talvolta teżisti għandha tiġi spjegata u pprovata.*

   5. *Salvi eċċezzjonijiet oħra.*

4. Rat illi fit-3 ta' Lulju 2008, l-intimat l-**Perit Joseph Falzon** laqa' għal dak mitlub billi qajjem is-segwenti difiżi:

   1. *Illi it-talbiet attriċi kif diretti kontra tiegħu għandhom jiġu miċħuda billi huma mhux responsabbli għall-inċident in kwistjoni u għad-danni konsegwenzjali kif jiġi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawża.*

   2. *Illi di piu, u mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-blokk tal-bini illi minnha kien jifforma parti l-garage tal-awtriċi ma kienx mibni skond is-sengħa u l-arti.*

   3. *Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, id-danni riklamati mill-atturi huma kkontestati.*

   4. *Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri li jistgħu jitressqu skond il-Liġi.*

5. Rat illi s-soċjeta' **Nick Demicoli Construction Co Limited** ġiet notifikata fit-12 ta' Ġunju 2008 (fol 16 tergo), iżda ma daħħlet ebda risposta.

6. Rat illi fil-15 ta' Lulju 2008, tqabbad il-**Perit Alan Saliba** sabiex jirrelata dwar il-każ.

7. Rat in-nota tar-rikorrenti ppreżentata fil-11 ta' Novembru 2009, b'sensiela ta' dokumentazzjoni u ritratti (fol 62 sa 118).

8. Rat id-dokumentazzjoni ippreżentati mill-Perit Alan Saliba, miġbura quddiemu waqt fil-qadi tal-inkariku tiegħu, illi jikkonsistu fis-segwenti: (fol 164 sa 757)

1. CP1 - Xhieda ta’ **PC1261 Charles Pace** tat-23/02/2006.
2. CP1 - Xhieda ta’ PC1261 Charles Pace tat-23/02/2006.
3. CP2 - Xhieda ta’ PS1261 Charles Pace tal-11/01/2007.
4. CP3 - Sett ta’ 68 ritratt.
5. DS1 - Mandat t’arrest tat-28/06/2005.
6. HZ1 - Rapport tal-**Perit Hector Zammit** ta’ Ottubru 2004.
7. HZ2 - Xhieda tal-Perit Hector Zammit tat-22/11/2007.
8. JM1 - Rapport ta’ l-**ISpettur Joseph Mercieca**.
9. Nota ta’ Lawrence Spagnol b’ Dokument LSI sa LS28 annessi.
10. LS29 - Quotation tat-28/02/2011.
11. LS30 - Prospett fl-ammont ta’ €82,207.57 bi quotations.
12. LS31 - Prospett ta’ €859,281.76 spejjeż.
13. LS1 - Ċertifikati tal-insurance tal-vetturi.
14. LS2 - Ċertifikati tal-insurance tal-vettura HAS265.
15. MC1 - Rapport tal-**Perit Mario Cassar**.
16. PB1-PB6 - Eyeball ROV System specifications.
17. PB7 - Invoice tal-15/01/2004.
18. PB8 - Invoice tat-13/04/2004.
19. PB9 - Prezzijiet tal-Underwater Equipment ta’ Ottubru 2009.
20. PB10 - Invoice tad-19/07/2006.
21. PB11 - Prequalification Document.
22. PB12 - Skeda ta’ Rati tas-16/04/2009.
23. PC1 - Xhieda ta’ **Peter Cordina** tal-11/01/2007.
24. PHZ1 - Xhieda tal-Perit Hector Zammit tal-11/01/2007.
25. PMC1 - Xhieda tal-Perit Mario Cassar tat-23/02/2006.
26. PMC2 - Xhieda tal-Perit Mario Cassar tat-02/04/2008.
27. PS1 - Xhieda tal-**Assistent Kummissarju Paul Sammut** tal-11/01/2007.
28. PS2 - Xhieda tal-Assistent Kummissarju Paul Sammut tas-27/02/2007.
29. PS1184 - Xhieda ta’ **PS1184 Patrick Grech** tat-23/02/2006.
30. PS1184A-F - 6 Ritratti.
31. PS1184G - Relazzjoni ta’ PS1184 Patrick Grech.
32. SJM1 - Xhieda ta’ Spettur Joseph Mercieca tat-23/02/2006.
33. SJM2 - Xhieda ta’ Spettur Joseph Mercieca tat-02/04/2008.
34. TG1 - Xhieda ta' **Tarcisio Galea** tat-23/02/2006.
35. DEQ - Kopja tal-Proċess fil-Qorti tal-Appell Kriminali Numru 387/09 fl-ismijiet “*Il- Pulizija vs Kevin Bonnici, Paul Demicoli u Paul Magro*.”

36. Rat id-dokumentazzjoni eżebita mill-Perit Alan Saliba fil-25 ta’ April 2013, minnu miġbura waqt seduti, li kienu jikkonsistu fl-atti tal-Inkjesta kif ukoll dawk ta’ quddiem il-Maġistrati bħala Qorti Istruttorja u xhieda tar-rappreżentant tal-MEPA: (fol 765 – 1450)

37. Rat id-dokumentazzjoni eżebiti mill-Perit Alan Saliba fl-20 ta’ Jannar 2015, minnu miġbura waqt seduti, li kienu jikkonsistu fl-affidavit ta’ **Pierre Bellizzi**, serje ta’ invoices kif ukoll dokumentazzjoni relatati mal-Kunsill Lokali ta’ San Pawl il-Baħar. (fol 1468 – 1504)

38. Rat id-dokumentazzjoni ppreżentati mir-rikorrent fid-9 ta’ Frar 2015 ossija s-segwenti: (fol 1506 sa 1539)

| | |
|---|---|
| Dok. LS: | Affidavit ta' **Lawrence Spagnol** |
| Dok. RS: | Affidavit ta' **Rita Spagnol** |
| Dok. MS: | Affidavit ta' **Mathew Spagnol** |
| Dok. JM: | Affidavit ta' **Joseph M. Meli** |
| Dok. JM 1: | Affidavit addizzjonali ta' Joseph M. Meli |
| Dok. LM: | Affidavit ta' **Loreto Meilak** |
| Dok. CC: | Affidavit ta' **Carmelo Cassar** |
| Dok. PC: | Affidavit ta' **Peter Cilia** |
| Dok. JC: | Affidavit tal- **Perit Joseph Cuschieri** |
| Dok. RP: | Affidavit ta' **Rudolph Pace** |
| Dok. MW: | Affidavit ta' **Marika Van Venetian** |
| Dok. CT: | Affidavit ta' **Charles Tanti** |
| Dok. CP2: | Affidavit ta' **Charles Pace** |
| Dok. GMS: | Affidavit ta' **Gino Mule Stagno** |
| Dok. MDMS: | Affidavit ta' **Marie Diane Mule Stagno** |
| Dok. PRT: | Protest datat 26/07/2004 |
| Dok. ITUF: | Ittra Uffiċċjali Numru 1887/06 datata 01/06/2006 |
| Dok. INIB: | Mandat ta' Inibizzjoni Numru 1140/11 datat 17/08/2011 |

39. Rat id-dokumentazzjoni ppreżentata mill-Perit Alan Saliba fid-9 ta' Novembru 2015, minnu miġbura waqt is-seduti, konsisteni fl-affidavit ta' Pierre Bellizzi b'dokumentazzjoni, kif ukoll traskrizzjoni tas-seduti kollha mizmuma mill-Perit Tekniku. (fol 1556 – 1686)

40. Rat id-dokumentazzjoni eżebiti mir-rikorrent fil-25 ta' Novembru 2015 konsisti b'dokumentazzjoni tal-assikurazzjoni ta' Dinghi u żewġt vetturi kif ukoll Audited Accounts tad-ditta CDMS għas-sena 2009.

41. Rat id-dokumentazzjoni eżebiti mill-Perit Alan Saliba fis-26 ta' Ottubru 2016, miġbura waqt is-seduti, konsistenti f'varji ritratti kif ukoll l-affidavit tal-intimat **Perit Joseph Falzon**. (1743 sa 1781)

42. Rat illi fit-3 ta' Ottubru 2017, il-Perit Tekniku Alan Saliba talab li jiġi sostitwit minħabba f'kariga pubblika minnu assunta.

43. Rat illi fit-12 ta' Diċembru 2017, il-Perit Alan Saliba ippreżenta l-inkartament li kien fadal għandu.

44. Rat illi fid-9 ta' Jannar 2018, tqabbdet il-**Perit Marie Louise Caruana Galea** bħala Perit Tekniku.

45. Rat id-dokumentazzjoni eżebita mir-rikorrent fid-9 ta' Lulju 2018, ossija Income Tax returns ta' Pierre Bellizzi.

46. Rat illi dina l-Qorti, kif komposta, ħadet konjizzjoni tal-atti fit-22 ta' Ottubru 2019.

47. Rat l-affidavit ta' Pierre Bellizzi ppreżentat fis-6 ta' Novembru 2019. (fol 1983)

48. Rat is-sentenza eżebita mill-intimat fis-17 ta' Novembru 2019 fl-ismijiet ***Paul Demicoli vs Ministeru tal-Politika Soċjali*** datata 12 ta' Lulju 2019. (fol 2022)

49. Rat ir-relazzjoni tal-espert Ġudizzjarju l-Perit Marie Louise Caruana Galea maħlufa fit-30 ta' Settembru 2020. (fol 2076 sa 2165)

50. Rat id-domandi in eskussjoni ta' l-intimat Demicoli ppreżentati fit-3 ta' Diċembru 2020 (fol 2171) u risposti mill-Perit Tekniku bil-miktub fit-2 ta' Frar 2021. (fol 2175)

51. Rat illi fl-4 ta' Frar 2021, il-partijiet talbu li jagħmlu domandi in eskussjoni orali.

52. Semgħet l-eskussjoni tal-Perit Marie Louise Caruana Galea illi saret fit-13 ta' April 2021.

53. Rat illi fit-18 ta' Mejju 2021, il-partijiet għarrfu lill-Qorti illi kienu ressqu l-provi kollha, kemm fuq responsabbilta' kif ukoll fuq id-danni pretiżi.

54. Rat illi fit-18 ta' Mejju 2021, il-partijiet talbu jagħmlu domandi ulterjuri in eskussjoni.

55. Semgħet l-eskussjoni tal-Perit Marie Louise Caruana Galea illi saret fit-23 ta' Ġunju 2021.

56. Rat illi fit-23 ta' Ġunju 2021 ġie dikjarat illi ma kienx hemm aktar provi u li l-kawża setgħet titħalla għas-sottomissjonijiet finali.

57. Rat is-sottomissjonijiet finali tar-rikorrenti ppreżentati fis-16 ta' Diċembru 2021.

58. Rat is-sottomissjonijiet finali tal-Perit Joseph Falzon ippreżentati fl-14 ta' Frar 2022.

59. Rat is-sottomissjonijiet ta' Paul Demicoli ppreżentati fl-14 ta' Frar 2022.

60. Rat is-sottomissjonijiet ta' l-intimati Asfaltar Limited u Kevin Bonnici, ippreżentati fl-20 ta' Mejju 2022.

61. Rat illi fil-25 ta' Mejju 2022 il-kawża ġiet differita għas-sentenza.

## Fatti tal-każ

62. Jirriżulta illi r-rikorrenti, konjuġi Spagnol, huma sidien ta' garage, li kien jinsab fuq ground level, ġewwa blokk ta' appartamenti bl-isem ta' St. Francis Flats, Triq Ramon Perello, San Pawl il-Baħar filwaqt illi Lawrence Spagnol u Pierre Bellizzi kellhom negozju ta' *remote controlled vehicles* li jintużaw taħt il-baħar. Jirriżulta illi l-konjuġi Mule' Stagno, mhux parti tal-proċeduri odjerni, kienu s-sidien ta' żewġ flats li jinsabu fuq l-garage ta' Spagnol.

63. Jirriżulta illi l-intimat Paul Demicoli huwa s-sid ta' plot li jinsab bejn il-blokk magħruf bħala Hal Mann Court u l-blokk fejn kien hemm il-garage tar-rikorrenti, magħruf bħala St. Francis Court, liema plot, madwar seba' snin qabel l-akkadut, kien ġia tħammel sa ċirka sular taħt it-triq, bil-pedamenti taż-żewġ blokok mikxufin, iżda, għal ħafna snin, tħalla abbandunat peress illi ma kien hemm ebda xogħolijiet qed isiru fih.

64. Jirriżulta illi l-ħajt tal-blokk fejn kien hemm il-garage tar-rikorrenti, ossija dawk magħrufa bħala St. Francis Flats, kien faċilment viżibbli tant li kien jidher li kien mibni fuq suletta tal-konkos li kien imqiegħed fuq blat magħruf bħala 'turbazz' li kien jidher ċarament taħtu.

65. Jirriżulta illi f'April tas-sena 2004, l-intimat Paul Demicoli, li xogħlu huwa ta' kuntrattur, beda jagħmel xogħolijiet ġewwa tali plot, u qabbad il-bennejja tiegħu, Charles Tanti u John Baptist Hili, sabiex jibdew xogħolijiet ta' bini ta' garaxx kbir u maisonettes fuqu.

66. Jirriżulta illi, il-plot kien soġġett għall-Enforcement Notice tal-Planning Authority minħabba fl-istat tal-abbandun tal-plot, u għalhekk l-intimat Demicoli kien qabbad lis-soċjeta' Asfaltar Limited sabiex inaddaf l-imbarazz illi kien hemm fuq is-sit, sabiex ikun jista' jibda x-xogħol ta' bini tal-plot innifsu.

67. Jirriżulta illi, qabel ma sar ix-xogħol ta' tindif, Paul Magro, rappreżentant tas-soċjeta' Asfaltar, hekk kif mar fuq il-post, aċċetta illi jagħmel xogħol ta' tindif, iżda rrifjuta illi jagħmel xogħol fuq il-ħajt tal-blokk ta' flats St. Francis Flats bil-JCB, peress illi kien għarraf lill Demicoli li l-blat, skond hu, kien jidher artab u dgħajjef, u għarraf lil Demicoli illi dak kellu jsir bl-idejn.

68. Jirriżulta illi s-soċjeta' Asfaltar Limited sussegwentement bagħtet lil żewġ impjegati tagħha, Kevin Bonnici u Victor Muscat, sabiex jagħmlu xogħolijiet ta' tindif, illi dam għaddej madwar ġurnata u nofs, mingħajr ma għamlu xejn fuq il-ħajt tal-blokk ta' St. Francis Flats.

69. Jirriżulta illi wara li sar tali tindif, l-bennejja ta' Paul Demicoli bdew jaħdmu billi bdew itellgħu l-ħajt tal-plot li tmiss mat-triq, bil-materjal lilhom pprovdut minn Demicoli, liema xogħol ħa madwar erbat' ijiem b'kollox.

70. Jirriżulta illi nelfrattemp, il-perit ta' Paul Demicoli, ossija il-Perit Joseph Falzon, kien mar fuq is-sit, u għarraf lill bennejja sabiex jagħmlu xogħol ta' pilastri fuq il-ħajt tal-binja faċċata dik tar-rikorrenti, ossija fuq il-ħitan ta' *Hal Mann Courts*. Ma tahom ebda struzzjonijiet oħra filwaqt illi ndika li ma kellu jsir ebda xogħol fuq il-ħajt ta' St. Francis Flats.

71. Jirriżulta illi, sussegwentement, waqt li kien qed isir tali xogħol mill-bennejja, Demicoli reġa' kellem lill Asfaltar Limtied sabiex jibgħatlu inġenji biex inaddaf aktar il-plot, u għal dan il-għan Paul Magro reġa' bagħat lil Kevin Bonnici bil-makkinarju 'JCB' bil-ħsieb illi dana ser inaddaf il-materjal li tneħħa mill-bennejja b'idejhom, u infatti għarraf lil Bonnici li Demicoli w il-benneja, ħaddiema tiegħu, kienu ser jgħidulu x'għandu jagħmel f'aktar dettall.

72. Jirriżulta illi dakinhar li mar Bonnici, ossija filgħodu tal-ġurnata fatali tat-3 ta' Ġunju 2004, Demicoli kellem lil Bonnici u għarrfu li, apparti li jnaddaf il-plot, huwa kellu jqatta' ossija "*jittrimmja*" is-suletta tal-konkos illi kienet taħt il-ħajt tal-blokk ta' St. Francis Flats u li kienet qiegħda tisporġi 'l barra fuq il-plot tiegħu, kif ukoll "*jittrimmja*" l-blat li kien hemm taħt is-suletta, sabiex ikun jista' eventwalment itella' ħajt imiss mal-ħajt tas-St Francis Flats.

73. Jirriżulta illi Kevin Bonnici mexa fuq l-istruzzjonijiet mogħtija lilu minn Paul Demicoli, u pproċeda biex iqatta' ż-żejjed tas-suletta kollha kif ukoll ittrimmja i-blat taħt is-suletta biex qatta' ħafna miż-żejjed illi kien hemm bejn il-plot ta' Demicoli u l-ħajt ta' St. Francis Flats, kif kien għarrfu li kellu jagħmel Demicoli.

74. Il-Perit Joseph Falzon ma ntalabx jiġi fuq il-post waqt li tali xogħolijet kienu qed isiru filwaqt illi l-benneja baqgħu għaddejjin jaħdmu fuq il-ħajt ta' ma' Ħal Mann Court peress illi, skond huma, d-direzzjonijiet tax-xogħol kien jagħtihom biss Demicoli. Jidher ukoll illi Kevin Bonnici ma' kkomunikax ma' Paul Magro tal-Asfaltar Limited, dwar ix-xogħol li kien intalab jagħmel minn Demicoli.

75. Jirriżulta illi hekk kif Bonnici spiċċa jqatta' s-suletta kollha kif ukoll il-blat taħt l-istess suletta tal-ħajt ta' St. Francis Block, huwa telaq 'l hemm, filwaqt illi l-bennejja Tanti u Hili baqgħu jaħdmu ftit ieħor u telqu għal ħabta tas-2pm.

76. Ftit tal-ħin wara, sfortunatament, ġara illi l-binja ta' St. Francis Block, fejn Kevin Bonnici kien qiegħed jaqta' s-suletta u l-blat fuq struzzjonijiet ta' Paul Demicoli, iġġarraf kollu, bir-riżultat illi mietu żewġ persuni, ossija Maria Dolores Zarb u Nadezda Vavilova, li kienu qegħdin fil-flat ta' fuq il-garage, filwaqt illi r-rikorrenti tilfu l-affarijiet kollha illi kellhom ġewwa l-garage.

## Responsabbilta'

77. Jirriżulta illi din il-Qorti, bħala parti mill-eżami u konsiderazzjonijiet tax-xhieda u provi prodotti, qabbdet lill-Perit Teknkiku Alan Saliba sabiex jirrelata dwar reponsabbilta' u danni u sussegwentement, fuq talba ta' l-istess Perit Alan Saliba minħabba f'inkariku pubbliku mogħti lilu uffiċjalment, tqabbdet il-Perit Arkitett Marie Louise Caruana Galea sabiex tirrelata dwar il-każ flok il-Perit Alan Saliba.

78. Jirriżulta illi fid-difiża tagħhom, l-intimati kollha, għajr għas-soċjeta Nick Demicoli Construction Company Limited, illi baqgħet qatt ma ppreżentat eċċezzjonijiet, lkoll irrinegaw ir-reponsabbilta' tagħhom għall-akkadut:

   a. L-intimat Paul Demicoli saħaq illi huwa kien biss sid tal-plot w ix-xogħol sar mill-bennejja minnu mqabbda u għalhekk ma kienx responsabbli għal dak li għamlu l-bennejja taħt id-direzzjoni tal-Perit Falzon.

   b. Asfaltar Limited u Kevin Bonnici saħqu illi huma ma kinux responsabbli ta' dak li ġara u saħqu illi l-ħajt ma kienx mibni skond is-sengħa u l-arti.

   c. Il-Perit Joseph Falzon, filwaqt illi qal li ma kienx responsabbli u ma kienx involut fix-xogħol li kien qed isir, saħaq illi l-bini ta' St Francis Flats ma kienx mibni skond is-sengħa u l-arti.

79. Jirriżulta illi l-Perit Arkitett espert tal-Qorti, il-Perit Marie Louise Caruana Galea, fir-rapport finali tagħha, dwar <u>**responsabbilta'**</u>, waslet għas-segwenti konklużjonijiet abbażi ta' osservazzjonijiet varji, fejn qalet is-segwenti:

> ***10.01 Illi fl-opinjoni tal-esponenti, il-bini ikkollassa għax ittieħdet id-deċiżjoni li titqatta' s-suletta u jitneħħa l-materjal ta' taħtu biex jinġab 'flush' ma' wiċċ l-appoġġ. It-tqattigħ ta' suletta kien ta' madwar 9"-18", liema tqattigħ sar bil-musmar tal-JCB għat-tul tal-plot li kien ċirca 24.5m, eskluż il-parti tal-parapett u tal-bitħa ta' wara. Dan it-tqattigħ tas-suletta flimkien mat-tneħħija ta' materjal bil-'JCB', liema materjal kien deskritt bħala 'turbazz' li ma kienx blat sod u li seta' jitqatta' bil-fis għal-għoli ta' 5 filati u wisgħa ta' 2 piedi , wasal biex iddestabilizza l-ħajt, li sa dakinhar tal-***

***inċident, kien strutturalment stabbli u li kien qed jerfa' l-piżijiet vertikali tal-binja St Francis Flats u kien soġġett għall-irdim għoli tal-pedament ta' ċirca 10/11-il filata jagħfas fuqu minn naħa ta' St Francis Flat* (Ritratt Dok PD2).**

*10.02 Illi l-konvenut Paul Demicoli kien intiż fuq il-fatt li t-tafal huwa suxxettibbli għall-elementi speċifikament għaċ-ċikli ta' tnixxif u tixrib ta' tafal meta jkun espost. Dan għaliex waqt li kien qiegħed fil-kawża tal-Qorti fis-sena 1995 hu kien talab, tramite l-Avukat tiegħu, biex l-Qorti taħtar perit biex jieħu konjizzjoni tal-periklu li kienet qiegħda tippreżenta din l-ixkaffa ta' ċirca tlett filati turbazz/tafal li kien hemm fis-sit, liema xkaffa ta' sotterran kienet inkixfet minn persuna mqabbda minnu stess wara li kien għamel il-konvenju.*

*10.03 Illi meta mistoqsi mill-uffiċċjal investigattiv kemm kellu jżomm distanza 'il bogħod mill-appoġ waqt l-iskavar, Paul Demicoli irrispondih żewġ piedi u nofs li hija dak il-kejl imsemmi fil-Kodiċi Ċivili.*

*10.04 Illi l-esponenti osservat li waqt ix-xhieda tiegħu Paul Demicoli jitfa' r-responsabbilta' tas-sit fuq il-bennej u l-perit u jgħid darba darbtejn li hu kien sempliċiment jipprovdi l-inġenji, għodda u materjal. Id-deċiżjonijiet kien iħallihom jittieħdu bejn il-bennej tal-fiduċja tiegħu John Hili u l-Perit Falzon. Saħansitra kien jgħaddi l-pjanti lil Hili u jħalli lilu jiddilja mal-perit.*

*10.05 Illi għalkemm Paul Demicoli jgħid li hu ma kellu xejn x'jaqsam mad-deċiżjonijiet li jittieħdu fuq is-sit, diversi xhieda fl-atti juru stampa ferm differenti. Charles Tanti fil-fatt jagħmel kumment li dakinhar qabel l-inċident kien mar fuq is-sit xi 3/4 darbiet u kien hu li ħalla risposta magħhom li kellu jmur xi ħadd minn tal-Asphaltar bil-JCB biex jitrimmja s-suletta u jnaddaf l-ixkaffa ta' turbazz biex iġibu 'flush' mal-pedament. Demicoli ma jaqbilx ma' din ix-xhieda u jgħid li dawk l-istruzzjonijiet kien tahom il-Perit Falzon lil Battist u peress li Battist ma riedx iqatta' dak it-tul kollu ta' ħajt allura ġablu l-JCB biex iqatta' din l-ixkaffa.* **<u>L-esponenti tiddelinja li din hija deċiżjoni maġġuri fuq sit ta' kostruzzjoni għax tikkonċerna proprju ħajt appoġġ fejn naħa waħda minnhom hemm struttura li qed isserraħ fuq dan il-ħajt, dan il-pedament, u allura tmur ferm lil hinn minn dak li ġie nnotat u deskritt f'para 10.04, li l-konvenut Demicoli jallega li ma kellux responsabbilta' tas-sit.</u>**

*10.06 Illi kieku dak deskritt f'para 10.04 huwa minnu u ċioe' li Paul Demicoli mexa fuq l-istruzzjonijiet tal-perit, l-esponenti isaqsi għalfejn ma reġax ikkonsulta mal-perit meta Battist urieh biċ-ċar li ma riedx iqattgħu b'idejh? Kif kien lest li jqatta' din l-ixkaffa meta nkwieta tant fuq il-fatt li kien qed jinxef u jitfarfar f'dawk it-tmien snin li kien il-Qorti (vide para 10.02)? Kif iddeċieda jqatta' fid-distanza mandatorja ta' skavar minn ħajt ta' appoġġ meta hu kien konsapevoli ta' din id-distanza mniżżla fil-Kodiċi Ċivili (vide para 10.03)? Mhux talli tħalla li titqatta' din l-ixkaffa iżda hu kien il-persuna li organizza li jġib l-inġenji biex issir billi staqsa lil Paul Magro biex jibgħatlu l-JCB.*

*10.07 Illi punt ieħor importanti li ħareġ mix-xhieda huwa li l-ewwel laqgħa li kellu ma' Paul Magro kien xahar u nofs qabel l-akkadut inċident, fix-xahar ta' April. Dakinhar il-Perit Falzon kien lanqas resaq lejn is-sit għax*

*dan kien mar hemm f'nofs Mejju. Nonostante Paul Demicoli kellu viżjoni ċara ta' x'ried jagħmel fuq il-ħajt tal-appoġġ dakinhar għax staqsa lil Paul Magro biex jittrimmja s-suletta tal-konkos u l-ixkaffa turbazz/tafal ta' taħtha. Għalkemm Demicoli jinnega li sar id-diskors, dan ġie kkonfermat minn Victor Muscat fix-xhieda tiegħu. Ix-xhieda tal-lavrant Kevin Bonnici ma ġietx ikkonsidrata mill-esponenti minħabba raġunijiet spjegati f'para 8.36.*

*10.08 Illi l-esponenti tiġbed l-attenzjoni fuq it-tieni lagħqa li jiddeskrivi Paul Demicoli fix-xhieda tiegħu li kellu mal-Perit Falzon. Din il-laqgħa hija importanti għax hija proprju f'din il-laqgħa, li skont hu, ra l-Perit Falzon ikellem lil John Hili u jispjegalu x'kellu jsir fuq il-ħajt appoġġ. Skont ix-xhieda ta' Demicoli din il-laqgħa kienet jumejn jew tlieta qabel l-inċident. Illi din il-laqgħa fejn kien preżenti Paul Demicoli u l-Perit Falzon ma toħroġ imkien aktar fix-xhieda ħlief f'tiegħu. Il-Perit Falzon vera jsemmi li hu mar tlett ijiem qabel l-inċident biex jitkellem fuq ix-xogħol tan-naħa ta' Hal Mann Court iżda jgħid ukoll li Paul Demicoli ma kienx preżenti dakinhar.*

*10.09 Illi l-esponenti tiġbed l-attenzjoni wkoll għall-ewwel laqgħa fuq is-sit li seħħet bejn Paul Demicoli, il-Perit Falzon, iż-żewġ bennejja John Hili u Charles Tanti, kif ukoll id-draughtsman tal-Perit Falzon, Kenneth Micallef. Din il-laqgħa fuq is-sit saret għall-ħabta ta' nofs Mejju u kien hemm konsistenza ta' qbil fuqha fix-xhieda inkluż minn Paul Demicoli stess.*

***10.10 Illi fix-xhieda tiegħu in kontro-eżami, Paul Demicoli jgħid li hu mal-Perit Falzon kien iltaqa' miegħu darba biss għaldaqstant, l-esponenti tasal għal konklużjoni ibbażata mix-xhieda tal-Perit Falzon u x-xhieda ta' Paul Demicoli stess li fit-tieni laqgħa li saret tlett ijiem qabel l-inċident Paul Demicoli ma kienx preżenti u sussegwentement mhux minnu li ra lill-Perit Falzon jiddiskuti u jispjega lil Battist x'kellu jsir fuq il-ħajt tal-appoġġ.***

***10.11 Illi għaldaqstant l-esponenti tikkonkludi li d-deċiżjoni li jitqatta' l-ħajt kienet ittieħdet minn Paul Demicoli biss u kontra l-parir li kien tah il-Perit Falzon, fejn ġimgħa qabel l-inċident kien qallu biex ma jmissux il-ħajt tal-appoġġ, kif ukoll kontra l-parir ta' Paul Magro li kien ġibidlu l-attenzjoni li t-turbazz/tafal kien dgħajjef u tah il-parir biex jirfdu. Il-fatt li xahar u nofs qabel l-inċident id-diskors ta' dan it-tqattiegħ kien sar jindika li Paul Demicoli kellu idea ċara ta' kif kien ser jipproċedi t-tindif ta' dak il-ħajt tal-appoġġ u li meta sab reżistenza li dan isir bl-idejn iddeċieda li jġib il-JCB.***

*10.12 Illi fl-opinjoni tal-esponenti, l-konvenut Paul Magro mhuwiex responsabbli tal-akkadut inċident u dan għaliex mix-xhieda ta' Victor Muscat joħroġ ċar li Paul Magro verament kien irrifjuta x-xogħol ta' trimming u li kien qallu biex jirfed il-ħajt. L-esponenti tikkonkludi li t-tieni darba li bagħat il-JCB għalhekk, Magro kien konvint li dan kien ser jibgħat il-lavrant tiegħu biex ineħħi t-turbazz li jkun inqala' bl-idejn u xejn aktar hekk kif kienu ftehmu l-ewwel darba u kif ikkonfermalu l-konvenut Demicoli fit-telefonata meta staqsieh jekk rifidx il-ħajt.*

*10.13 Illi għalkemm id-deċiżjoni ta' tqattiegħ sar minn Paul Demicoli, it-tqattiegħ per se sar minn Kevin Bonnici u għaldaqstant jerfa' element ta'*

*responsabbilta' wkoll. Hu stess jgħid li ma kienx ilu f'dak ix-xogħol u allura, fl-opinjoni tal-esponenti, meta mar fuq il-lant u ra li l-bennejja għaddielu r-risposta li kellu jqatta' s-suletta u jnaddaf it-turbazz ta' taħt din is-suletta biex iġibhom flush mal-ħajt tal-appoġġ, liema xogħol kien differenti minn dak li bagħtu jagħmel l-Imgħallem tiegħu, allura fl-opinjoni tal-esponenti, f'dak l-istant kellu r-responsabbilta' li jiċċara dan mal-Imgħallem tiegħu qabel ma jibda' jaħdem fuq il-lant tax-xogħol.*

*10.14 Illi l-esponenti bħala parti mill-inkarigu tagħha, ġiet mitluba minn din l-Onorabbli Qorti biex tieħu konjizzjoni tas-sentenza mogħtija fil-Qorti tal-Appell fl-ismijiet 'Paul Demicoli vs Ministru tal-Politika Soċjali, Segretarju Permanenti fil-Ministeru tal-Politika Soċjali, u l-Avukat Ġenerali'.*

*10.15 Illi l-esponenti tikkwota mis-sentenza tal-Qorti tal-Appell li "t-talba kien appell tal-konvenuti minn sentenza mogħtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fis-16 ta' Jannar 2018 li biha sabet li fil-ħruġ tar-Regolamenti tal-2004 dwar il-Post tax-Xogħol (Bżonnijiet Minimi tas-Saħħa u s-Sigurta' tax-Xogħol f'Siti ta' Kostruzzjoni) {L.S. 424.29 jew 'ir-Regolamenti'} magħmula bis-saħħa tal-Avviż Legali numru 281/04 il-ministru konvenut mar lil hinn mis-setgħat mogħtijin mill-Att prinċipali meta fit-tifsira tal-kelma 'klijent' idaħħal ukoll min ikun sid tal-post fejn ikunu qegħdin isiru xogħolijiet ta' bini, u kull fejn, fl-imsemmija Regolamenti, hemm deposizzjonijiet li jitfgħu responsabbilta' fuq sidien ta' postijiet bħal dawk għall-għanijiet tal-istess Regolamenti. L-ewwel qorti għalhekk iddikjarat illi, safejn ħolqu responsabbilta' fuq sidien ta' postijiet fejn ikunu qegħdin isiru xogħolijiet, dawk ir-Regolamenti ma jiswewx'.*

*10.16 Illi din l-Onorabbli Qorti tal-Appell fis-sentenza mogħtija minnha fit-12 ta' Lulju 2019 tgħid li "taqbel mal-ewwel qorti illi t-talbiet tal-attur għandhom jintlaqgħu, bil-preċiżazzjoni illi d-disposizzjonijiet impunjati jitqiesu li ma jiswewx biss fejn ifittxu li jolqtu lil 'sidien, okkupanti jew possessuri li għalihom ikun qed isir ix-xogħol minbarra fil-każ fejn għodod, materjal jew tagħmir ikun provdut minnhom, dwar xi difetti li dan l-apparat jista' jkollu, liema difetti jkunu magħrufa u ma ġewx indikati, jew li setgħu ikunu magħrufa' u bil-preċiżjoni wkoll, ġia magħmula mill-ewwel qorti, li ma hija tingħata ebda deċiżjoni dwar jekk l-attur jintlaqatx jew le bir-Regolamenti.*

*10.17 Illi l-esponenti, għalkemm ħadet konjizzjoni ta' din is-sentenza, mhux ser ikollha impatt fuq il-konklużjonijiet tagħha u dan għaliex l-ewwelnett is-sentenza stess tippreċiża li mhux qed tieħu deċiżjoni jekk l-attur (Demicoli) jintlaqatx minn dawn ir-Regolamenti u t-tieni nett in-nuqqas ta' notifikazzjoni permess ta' applikazzjoni lill-Awtorita' tas-Saħħa u Sigurta' qabel ma nbeda xogħol ta' kostruzzjoni fuq is-sit mertu tal-kawża hija materja ta' natura legali u mhux teknika.*

80. Rat illi l-partijiet kellhom okkażjoni illi jagħmlu domandi in eskussjoni, kemm bil-miktub, kif ukoll oralment, lill-Perit Tekniku, f'diversi seduti, iżda l-konklużjonijiet ta' responsabbilta' tal-Perit Tekniku ma' nbidlux, ossija illi Paul Demicoli kien primarjament responsabbli għall-akkadut stante illi għażel illi jqatta' s-suletta tal-ħajt diviżorju w il-blat tafli taħtu kontra l-parir tal-Perit Falzon kif ukoll ta' Paul Magro,

filwaqt illi Kevin Bonnici għandu jerfa' parti mir-responsabbilta' stante illi għażel illi jagħmel xogħol lilu indikat minn Paul Demicoli flok ma għamel ix-xogħol msemmi lilu mill-imgħallem tiegħu, Paul Magro.

81. Tirrileva illi fis-sottomissjonijiet ta' l-abbli difensuri tiegħu, Paul Demicoli jinsisti illi huwa ma jista' qatt jinstab responsabbli tal-akkadut, peress illi jinsisti illi huwa kien biss sid tal-post u kienu l-bennejja, li l-Qorti tosserva qatt imsejħa fil-proċeduri odjerni, w il-Perit Falzon, li kienu responsabbli tal-akkadut.

82. Din il-Qorti tosserva illi Demicoli, in sostenn tat-teżi tiegħu, jagħmel referenza għad-deċiżjoni tal-Qorti tal-Appell deċiża fit-12 ta' Lulju 2019 fil-kawża minnu intavolata **Paul Demicoli v. Ministru tal-Politika Soċjali, Segretarju Permanenti fil-Ministeru tal-Politika Soċjali, u l-Avukat Ġenerali (Rikors Ġuramentat 2/2010)**, u jikkontendi illi tali deċiżjoni tikkonferma li, bħala sid, ma jista' qatt jinstab responsabbli.

83. Tirrileva, madanakollu, illi l-Qorti tal-Appell qalet is-segwenti:

> *Id-disposizzjonijiet impunjati (ossija ir-Regolamenti tal-2004 dwar il-Post tax-Xogħol (Bżonnijiet Minimi tas-Saħħa u s-Sigurta tax-Xogħol f'Siti ta' Kostruzzjoni)– LS 424.29) jitqiesu li ma jiswewx biss fejn ifittxu li jolqtu lil "sidien, okkupanti jew possessuri li għalihom ikun qed isir ix-xogħol minbarra fil-każ fejn għodod, materjal jew tagħmir ikun provdut minnhom, dwar xi difetti li dan l-apparat jista' jkollu, liema difetti jkunu magħrufa u ma ġewx indikati, jew li setgħu ikunu magħrufa" u bil-preċiżazzjoni wkoll, ġià magħmula mill-ewwel qorti, li ma hija qiegħda tingħata ebda deċiżjoni dwar jekk l-attur jintlaqatx jew le bir-Regolamenti.*

84. Kif korrettement osservat il-Perit Tekniku fir-rapport dettaljat tagħha, tul ix-xhieda prodotta fil-każ odjern, ħareġ ċar illi l-bennejja li kien hemm, ossija Charles Tanti u John Hili, illum mejjet, kienu attwalment jaħdmu ma' Paul Demicoli, fejn il-ħlas tagħhom kien "*jsir bil-fattura u ċioe' skond il-kejl*" (fol 1525). L-istess bennejja kienu jimxu skond id-direzzjoni u struzzjoni illi kien jagħtihom Paul Demicoli, illi bħala xogħol huwa kuntrattur fil-qasam tal-bini u kostruzzjoni, u b'materjal u għodda illi kien jipprovdilhom l-istess Paul Demicoli. Jirriżulta wkoll illi x-xogħol ta' tqattiegħ u tħammil illi sar fuq il-post, sar minn Asfaltar Limited fuq struzzjonijiet ta' Paul Demicoli – il-bennejja fl-ebda stadju ma kienu nvoluti sija fil-kuntatti ma' Asfaltar kif ukoll max-xogħol illi kellu jsir – indikazzjoni ċara illi kien Demicoli li kien qiegħed jieħu d-deċiżjonijiet dwar ix-xogħol li kellu jsir.

85. Il-Qorti tifhem illi d-deċiżjoni tal-Qorti tal-Appell, ikkwotata minn Paul Demicoli stess, riedet tagħmel distinzjoni bejn persuni illi huma sidien ta' fond u li jqabbdu terzi biex jagħmlu x-xogħolijiet mingħajr ma huma jinvolvu ruħhom f'xejn aktar u persuni illi huma sidien tal-fond u li jagħmlu xogħolijiet huma stess permezz ta' nies minnhom inkarigati u b'materjal u għodda li jipprovdi l-istess sid. Huwa ċar illi, fil-każ odjern, Paul Demicoli jaqa' taħt it-tieni kategoriji ta' persuna, u għalhekk għandu jitqies soġġett għar-responsabbiltajiet kif esposti fir-regolamenti fuq imsemmija, kif ukoll għandu jinżamm responsabbli għal kwalsiasi akkadut fuq il-lant tax-xogħol illi fih huwa kien involut.

86. Apparti minn hekk, ma għandu jkun hemm ebda dubju illi kien Paul Demicoli il-persuna li ta' struzzjonijiet lil Kevin Bonnici sabiex jaqta' s-suletta ta' taħt il-ħajt tal-appoġġ kif

ukoll jqatta' l-blat li kien hemm taħt tali suletta, minkejja illi kemm il-Perit Joseph Falzon kif ukoll Paul Magro, tas-soċjeta' Asfaltar Limited, kienu għarrfuh illi dana ma kellux isir.

87. Il-Qorti tirrileva illi, għalkemm uħud mill-intimati jikkontendu illi l-ħajt tal-blokk St Francis Flats kien mibni mhux skond is-sengħa u l-arti, il-Qorti ma tistax ma tosservax illi l-ħajt li huma jikkontendu li kien mibni mhux skond is-sengħa u l-arti, kien tħalla mikxuf minn Demicoli stess, għal snin sħaħ, meta huwa ħammel il-plot tiegħu u ħalla l-ħajt bil-blat tafli ta' taħtu, magħruf ukoll bħala turbazz, mikxuf għall-elementi għal snin sħaħ.

88. Paul Demicoli kien ben a korrent ta' tali perikolu u kien għalhekk ben konxju tar-riskji kbar illi kien qiegħed jieħu meta, l-ewwel u qabel kollox, ordna lill Keith Bonnici sabiex jħaffer aktar il-ġewwa miż-żewġ piedi u nofs permessibbli mil-Liġi kif ukoll, aktar minn hekk, meta qallu sabiex iqatta' s-suletta li fuqha kienet qed tistrieħ il-ħajt tal-appoġġ ta' St Francis Flats u, finalment, meta qallu wkoll sabiex iqatta' wkoll il-blat ta' taħt is-suletta – dana kollu biex jiggwadanja pied jew tnejn spazju għall-binja tiegħu! Tali aġir spreġudikat u rresponsabbli wassal għall-mewt ta' żewġ persuni, li ma hijiex il-meritu tal-kawża odjerna, kif ukoll għall-danni inġenti lis-sidien ta' propjeta fil-blokk St. Francis Flats, fosthom ir-rikorrenti, li huwa l-meritu tal-kawża odjerna.

89. Dwar Kevin Bonnici, l-abbli difensur tiegħu saħaq illi, fil-kapaċita' tiegħu ta' *machine operator,* huwa ma setax jinstab responsabbli, peress illi la huwa f'posizzjoni li jikkalkola l-effett ta' xogħolu kif ukoll huwa kien qiegħed jopera taħt id-direzzjoni ta' min jimpjegah, u għalhekk ma stetax ikun responsabbli hu.

90. Il-Qorti, madanakollu, tosserva illi, l-ewwel u qabel kollox, min impjegah, ossija Asfaltar Limited u, aktar preċiżament, Paul Magro bħala persuna responsabbli għall-istess Asfaltar Limited, kienu għamluha ċara ma' Kevin Bonnici, kemm meta mar fuq il-plot l-ewwel darba biex iħammel il-post, kif ukoll meta mar it-tieni darba, ossija dakinhar tal-akkadut, li huwa ma kellux imiss il-ħajt ta' St. Francis Flats. Għalhekk, a differenza tat-teżi espressa mill-abbli difensur ta' Bonnici, f'dan il-każ, id-deċiżjoni ta' Bonnici biex iqatta' s-suletta w il-blat ta' taħtha, ma kinetx riżultat ta' direzzjoni mogħtija lilu mis-superjuri tiegħu, iżda kienet deċiżjoni li kienet ġiet lilu mogħtija minn Paul Demicoli, li ma kienx superjur ta' Bonnici, u kienet azzjoni illi huwa xjentement għażel illi jagħmel mingħajr ma jikkonsulta mas-superjur tiegħu Paul Magro.

91. Il-Qorti tosserva wkoll illi, kwalsiasi persuna illi jħaddem apparat bħal dak illi kellu Bonnici, ossija *escavator* u *hammer*, fil-każ odjern, tad-ditta JCB, filwaqt illi ċertament għandu s-sens komun suffiċjenti illi jopera tali inġenji b'mod illi ma jipperikolax lilu nnifsu, għandu jassikura wkoll illi jopera tali sens komun ukoll sabiex ma jipperikolax il-ħajja ta' terzi persuni. Filwaqt illi il-Qorti tifhem illi is-sens komun mhux neċessarjament "*komun*" daqs kemm wieħed jixtieq, in-nuqqas ta' Bonnici milli jħares lejn id-distanzi u jħaffer bil-galbu u skond is-sengħa u l-arti ma jista' qatt jiskolpa lill-istess Bonnici minn parti tar-resposabbilta' għall-akkadut. Huwa messu aġġxxa b'aktar prudenza f'xogħolu, liema nuqqas wassal sabiex eventwalment jiġġarraf il-bini u jmutu n-nies.

92. Għalhekk, il-Qorti tqis illi, kif korrettement osservat il-Perit Tekniku, Kevin Bonnici għandu jerfa' wkoll parti mir-responsabbilta' tal-akkadut, għalkemm il-Qorti tqis illi dana għandu jkun fi grad ferm anqas minn dak ta' Paul Demicoli, illi, da parte tiegħu,

kien il-persuna li, unilateralment, ddeċieda kif kellu jsir ix-xogħol mal-ħajt diviżorju, liema xogħol eventwalment wassal għall-kollass tal-binja kollha, b' konsegwenzi traġiċi.

93. Dwar il-Perit Joseph Falzon, kif ukoll is-soċjeta' Asfaltar Limited, il-Qorti taqbel mal-konklużjonijiet tal-Perit Tekniku li dawna ma humiex responsabbli għall-inċident, u dana peress illi ħareġ ċar li, fil-każ tal-Perit Falzon, huwa ma kienx ikkonsultat bl-ebda mod dwar id-deċiżjoni tat-tqattiegħ tas-suletta w il-blat sottostanti, liema xogħolijiet, anzi, huwa kien għarraf li ma kellhomx isiru bil-JCB, filwaqt illi fil-każ ta' Asfaltar, ħareġ ċar li Paul Magro kien kontra li jsiru kwalsiasi xogħolijiet fuq il-ħajt diviżorju ta' St. Francis Flats u, meta bagħat lill-Kevin Bonnici t-tieni darba, l-istruzzjonijet li tah kienu biss sabiex inaddaf ulterjorment il-plot, u mhux li jqatta' l-blat u s-suletta, kif eventwalment għażel illi jagħmel Bonnici fuq direzzjoni ta' Demicoli.

94. Għalhekk, bħala responsabbilta, il-Qorti taqbel illi, filwaqt li il-Perit Joseph Falzon u Asfaltar Limited ma għandhomx responsabbilta' għall-akkadut, Paul Demicoli u Kevin Bonnici, dan ta' l-aħħar fi grad ferm anqas, huma responsabbli għall-akkadut u għalhekk għandhom jagħmlu tajjeb għad-danni sofferti mir-rikorrenti.

**Danni**

95. La darba ġiet stabbilita r-responsabblita' tal-akkadut li seħħ fit-3 ta' Ġunju 2004 li wassall għall-kollass tal-korp ta' bini magħruf Saint Francis Flats li taħtu r-rikorrenti konjuġi Spagnol kellhom garage, jmiss issa li l-Qorti tikkunsidra t-talbiet għad-danni kif redatti mir-rikorrenti.

96. Jirriżulta illi, fil-ġbir tal-provi prodotti ir-rikorrenti, ġie indikat li hemm tlett tipi ta' danni illi qed jippretendu r-rikorrenti:

   a. Danni in konnessjoni mal-bini mill-ġdid tal-garage.

   b. Danni in konnessjoni mal-telf ta' beni, għodda, karozzi u affarijiet oħra li kienu fil-garage fil-mument tal-kollass.

   c. Danni in konnessjoni ma' telf ta' qliegħ tan-negozju tar-rikorrenti.

97. Il-Qorti ser tgħaddi biex tikkunsidra tali danni separatament.

***Danni in konnessjoni mal-bini mill-gdid tal-garage.***

98. Jirriżulta illi, tul il-proċess odjern, ir-rikorrenti, apparti provi dokumentarji in konnessjoni mal-kawża odjerna, ippreżentaw wkoll bħala provi, dokumentazzjoni u xhieda prodotta kemm fil-kawża '***Mule Stagno vs Demicoli***', illi qatt ma ġiet deċiża finalment peress illi kienet tranżatta bejn il-partijiet, kif ukoll provi dokumentarji ppreżentati fl-Inkjesta Maġisterjali li saret wara l-akkadut u l-kawża quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, sija fi stadju ta' Kumpilazzjoni kif ukoll fi stadju ta' Ġudikatura Kriminali, fejn eventwalment il-Qorti sabet lil Paul Demicoli u Kevin Bonnici responsabbli u kkundannathom piena ta' ħabs ta' tlett snin u tmintax-il xahar rispettivament.

99. Jirriżulta illi l-Perit Tekniku Marie Louise Caruana Galea, fl-inkariku tagħha, kif anke ċċarat mill-partijiet u minn dina l-Qorti, kellha tillimita l-konstatazzjoni ta' danni sofferti mir-rikorrenti unikament għall-kostruzzjoni tal-garage, u għalhekk hija għamlet is-segwenti konklużjonijiet:

*10.18 Illi d-danni kkawżati lill-attriċi qed jiġu likwidati bit-tali mod:*

*10.18.1 Rigward il-kostruzzjoni tal-pedamenti, l-esponenti rreferit għal dokument imħejji mill-Perit Paul Camilleri eżebit fl-atti, u taqbel mad-deċiżjoni li għandhom isiru 'piles' u 'ground beams' u għaldaqstant l-istima hija bbażata fuq dan it-tip ta' pedament, liema valur qed jiġi diviż b'terz bħala danni. Għaldaqstant is-somma likwidata dovuta lill-attriċi bħala spejjeż għal-kostruzzjoni tal-pedamenti hija tal-ammont ta' € 24,890 (Erbgħa u għoxrin elf, tmien mija u disgħin ewro).*

*10.18.2 Rigward ix-xogħol ta' kostruzzjoni tal-garaxx qed jiġi likwidat bis-somma ta' € 40,993 (Erbgħin elf, disa'mija u tlieta u disgħin ewro).*

*10.18.3 Rigward ix-xogħol tal-finishes tal-garaxx, din is-somma likwidata hija tal-ammont ta' €11,995 (Ħdax-il elf disa'mija u ħamsa u disgħin ewro).*

*10.18.4 Rigward spejjeż professjonali, rapporti meħtieġa bil-liġi LN 136/19 u applikazzjoni mal-Awtorita tal-Ippjanar, is-somma likwidata hija tal-ammont ta' €12,909 (Tnax il-elf, disa' mija u disgħa ewro).*

***10.19 Illi d-danni sofferti mill-attriċi huma likwidati għal valur totali ta' €99,867 (Disgħa u disgħin elf, tmien mija u sebgħa u sittin ewro).***

100. Il-Qorti tosserva illi tali valutazzjoni tiżboq konsiderevolment mill-istima illi kien oriġinalment irrediġa l-Perit Mario Cassar għar-rikorrenti u li ġiet ppreżentata mir-rikorrenti flimkien mar-rikors promotur, fejn ikkonstata li l-ispejjeż ta' rikostruzzjoni kellhom ikunu ta' Lm 25,452.99, ossija € 59,305. (fol 8)

101. Il-Qorti, madanakollu, tirrileva illi l-istima fuq imsemmija saret fis-sena 2008 filwaqt illi l-istima tal-Perit Tekniku ta' dina l-Qorti, l-Perit Marie Louise Caruana Galea, illi b'kollox tammonta għal €99,867, tirrispekkja ir-realta' ta' llum u l-stimi ta' l-ispejjeż li għandhom jiġu nkorsi llum.

102. Jirriżulta ukoll illi, fost tali dokumentazzjonijiet u provi fil-proċeduri oħra, kien hemm ukoll varji rapporti ta' Esperti Tekniċi mqabbda, sija mill-partijiet kif ukoll mill-Qorti, fosthom il-Perit Arkitett ben rispettat u ta' esperjenza vasta, ossija l-Perit Paul Camilleri, liema Perit, kien ippreżenta rapport lill-Maġistrat Inkwirenti ta' dak iż-żmien, il-mibki Maġistrat Joseph Cassar, fejn għarrfu, fost affarjiet oħra, illi sabiex isir ix-xogħol ta' rikostruzzjoni tal-garage, jeħtieġ illi isiru "*piles*" u "*ground beams*" fil-fond (vide fol 1420 – 1440).

103. Il-Qorti tosserva illi, a differenza ta' l-istima tal-Perit Mario Cassar, l-istima illi saret mill-Perit tal-Qorti tinkludi wkoll spejjeż addizzjonali meħtieġa sabiex il-pedament tal-bini jissaħħaħ bil-bini ta' '*piles*' u '*ground beams*', fatt illi ġiet ikkonstatata kemm mill-Perit tal-Qorti stess, kif ukoll minn periti oħra, li r-rapporti tagħhom spiċċaw parti mill-varji proċeduri fil-Qrati in konnessjoni mal-akkadut odjern u li ġew ippreżentati quddiem dina il-Qorti.

104. Il-Qorti tirrileva, madanakollu, illi l-Perit Tekniku, fl-istima tagħha, kkonstatat illi r-rikorrenti kellhom jiġu riżarċiti terz tal-prezz tat-tqegħid ta' tali struttura, w ikkonkludiet li tali spiża kienet tammonta għal €21,094 li, flimkien mal-VAT fl-ammont ta' €3,796, jagħmlu total ta' €24,890. Il-Perit Tekniku saħqet illi, la darba fuq il-garage kien hemm żewġ flats oħra, għaldaqstant r-rikorrenti kellhom jiġu biss rifużi terz tal-ispiża w jirkupraw il-kumplament mingħand is-sidien tal-flats ta' fuqu. L-intimati kienu wkoll ta' dana l-ħsieb filwaqt illi għarrfu illi ġia kienu waslu fi ftehim mas-sidien tal-flats, Mule Stagno, waqt il-mori ta' kawża li l-istess Mule Stagno kienu qed jagħmlu kontra l-istess intimati, tant illi l-proċeduri mibdija minn Mule Stagno twaqqfu.

105. Il-Qorti, hawnhekk, tibda billi tirrileva illi ħadd mill-intimati ma qatt għarraf lill-Qorti bil-kontenut tal-ftehim illi huma wasslu mal-familja Mule' Stagno u għalhekk il-Qorti ma għandha ebda indikazzjoni dwar jekk attwalment ftehmu ma' l-istess sidien tal-flats biex jagħmlu tajjeb għall-ispejjeż ta' tisħiħ tal-pedamenti jew le.

106. Il-Qorti tosserva wkoll illi, la darba issa ġie stabbilit li jeħtieġ li r-rikorrenti, sabiex jibnu mill-ġdid il-garage li tfarrak riżultat tal-aġir ta' Demicoli u Bonnici, jagħmlu t-tisħiħ meħtieġ fil-pedamenti li jinkludu tqiegħid ta' '*piles*' u '*ground beams*', dana jfisser illi r-rikorrenti, la darba jagħżlu illi jerġgħu jibnu l-garage, huma obbligati li jassikuraw li tali xogħolijiet ta' tisħiħ isiru kif indikat, għax fin-nuqqas jkun jista' jiġi lilhom attribwit li ma bnewx tali garage skond is-sengħa u l-arti.

107. Tenut kont ta' tali fatt, il-Qorti tosserva wkoll illi, la darba din il-Qorti ma għandha ebda indikazzjoni tal-kontenut tal-ftehim illi seta' wasal għalih Demicoli u l-intimati l-oħra mal-familja Mule Stagno, u tenut kont tal-fatt illi xogħolijet ta' tisħiħ huma issa meħtieġa, tirrileva li r-rikorrenti issa jinsabu fis-sitwazzjoni li jkollhom jagħmlu tali xogħolijiet ta' bilfors, liema xogħolijiet qatt ma kienu jkunu meħtieġa jekk mhux minħabba l-azzjoni u aġir xellerat ta' Demicoli u Bonnici, fejn dawn għażlu illi jagħmlu xogħolijiet li wasslu sabiex iddgħajjfu l-pedamenti u li wasslu għat-tiġrif tal-binja kollha. Għalhekk, jidher ċar li, Demicoli u Bonnici għandhom jagħmlu tajjeb għall-ispejjeż **<u>kollha</u>** illi r-rikorrenti ser jinkorru fit-tisħiħ tal-binja sħiħa, u mhux biss terz, kif propost mill-Perit Tekniku, semmai bid-dritt ta' rivalza li huma jistgħu jkollhom fil-konfront tas-sidien tal-flats sovrastanti – ma huwiex ġust u ekwu li r-rikorrenti jiġu mġiegħla jħallsu ferm oltre dak li qed jiġi suġġerit bħala kumpens sabiex jibnu binja soda li ġġarrfet unikament riżultat tal-aġir illegali u traskurat ta' Demicoli u Bonnici.

108. Għalhekk, il-Qorti tqis illi, fil-kwantifikar tad-danni in konnessjoni mal-bini mill-ġdid tal-Perit, il-konteġġi tal-Perit Tekniku tal-Qorti, għandhom jiġu riveduti minn dina l-Qorti, sabiex jiġi assikurat li r-rikorrenti jiġu kkumpensati għall-ispiża **<u>kollha</u>** tal-kostruzzjoni tal-pedamenti, u mhux ta' terz biss.

109. Ikkunsidrat illi terz tal-ispiża, inkluż l-element tal-VAT, kien jammonta għal €24,890, il-Qorti tqis illi l-ispiża totali għall-kostruzzjoni tal-pedamenti, inkluż l-element tal-VAT, għandu jkun ta' €74,670, u dana għandu jiġi rifless fit-total ta' danni kkwantifikati mill-Perit tal-Qorti.

110. Għaldaqstant, għal dak illi jirrigwarda danni konnessi mal-kostruzzjoni mill-ġdid tal-garage, id-danni hekk likwidati minn dina l-Qorti għandhom ikunu ta' **mija u erbgħin elf, ħames mija u sebgħa u sittin Euro (€140,567)**.[1]

***Danni in konnessjoni mal-telf ta' beni, għodda, karozzi u affarijiet oħra li kienu fil-garage fil-mument tal-kollass.***

111. Jirriżulta illi, flimkien mar-rikors promotur, ir-rikorrenti eżebew elenku ta' beni meqruda riżultat tat-tiġrif tal-binja, b'valutazzjonijiet minnhom magħmula, liema elenku kienu jinkludi s-segwenti:

| | |
|---|---|
| Transit Minibus reg. HAS 265 | €16,305.61 |
| Peugeot 405 reg. IAO 464 | €6,988.12 |
| Trailer għal dinghy ta' 7 metri | €2,329.37 |
| Trailer għal kumpressur | €931.75 |
| Dgħajsa | €314.47 |
| Kumpressuri ta' l-arja | €27,952.48 |
| Kaxxa spareparts għall-kumpressuri | €1,863.50 |
| Diving tanks | €3,028.19 |
| Underwater communication box | €815.28 |
| 20 ltr drums ta' 2-stroke oil | €232.94 |
| 45 gallon drum ta' żejt | €232.94 |
| Wood machine | €465.87 |
| Transit engine żmontata | €698.81 |
| Hydraulic jacks | €46.59 |
| 250 Kilo ta' ċomb | €582.34 |
| Kaxex ta' għodod | €349.41 |
| Windscreen | €419.29 |

112. Jirriżulta illi r-rikorrenti ppreżentaw varji dokumentazzjoni in sostenn tat-talbiet u l-istimi minnhom redatti. Din il-Qorti, madanakollu, ma tistax ma tagħmilx is-segwenti osservazzjonijiet:

a. Il-Peugeot 405, li r-rikorrenti indikaw li tiswa €6,988.12 (Lm3,000), attwalment ġiet stmata mill-espert tar-rikorrenti stess, Philip Zammit, li tiswa €4,309.34 (Lm1,850).

b. It-Transit Mini Van, li r-rikorrenti indikaw li tiswa €16,305.61 (Lm7,000), attwalment ġiet stmata mill-espert tar-rikorrenti stess, Philip Zammit, li tiswa €3.959.93 (Lm1,700).

c. Il-magna Diesel, li r-rikorrenti indikaw li tiswa €698.81 (Lm300), attwalment ġiet stmata mill-espert tar-rikorrenti stess, Philip Zammit, li tiswa €652.22 (Lm280).

[1] €74,670 + €40,933 + €11,995 + €12,909 (vide fol 2108-2109)

d. Il-Windscreen li r-rikorrenti indikaw li tiswa €412.29 (Lm180), attwalment ġiet stmata mill-espert tar-rikorrenti stess, Philip Zammit, li tiswa €139.76 (Lm60).

113. Jirriżulta, għalhekk, illi filwaqt li t-total ta' l-valur ta' l-oġġetti li kienu jinsabu fil-garage u li ġew meqruda ġew stmati mir-rikorrenti li jammontaw għal €63,556.96, attwalment, mid-dokumentazzjoni u stimi prodotti mir-rikorrenti stess, jidher illi l-valur għandu jitqies li huwa ta' **tmienja u erbgħin elf, mitejn u ħames Euro u sitta u għoxrin ċenteżmu (€48,205.26)**, kif ben osservat mill-konsulent legali ta' l-intimat Demicoli.

114. Jirriżulta wkoll illi, fil-garage ir-rikorrenti kellhom wkoll żewġ *Remote Controlled Vehicles*, magħrufa wkoll bħala ROV, li ġġarrfu mal-inċident. Jirriżulta illi, f'dan il-każ, ma hemm ebda kontestazzjoni illi dawna, li kienu '*second hand*', swew b'kollox, is-somma ta' **ħdax-il elf, sebgħa mija u ħamsin Euro (€11,750)**, liema somma hija aċċettata mill-intimati lkoll li għandha tiġi rifuża lir-rikorrenti.

115. Għalhekk, il-Qorti tqis illi bħala oġġetti illi ġew meqruda u li r-rikorrenti għandhom jiġu riżarċiti għalihom, t-total ta' dawna l-oġġetti għandu jkun ta' **disgħa u ħamsin elf, disgħa mija u ħamsa u ħamsin Euro (€59,955)**.

**Danni in konnessjoni ma' telf ta' qliegħ tan-negozju tar-rikorrenti – *Lucrum Cessans***

116. Jirriżulta mhux ikkontestat illi r-rikorrenti, fil-mument li seħħ l-akkadut, kienu bdew operazzjoni kummerċjali bejniethom, li eventwalment wasslet għall-kreazzjoni tas-soċjeta' Commercial Diving and Marine Services Limited (CDMS Ltd) fl-1 ta' Lulju 2004, ossija ftit xhur wara l-akkadut, li, fi kliem ir-rapport tad-Diretturi a fol 1693, kellha bħala attivita prinċipali:

> *"to provide in a general manner all kinds of professional services in any kind of field and under any aspect be it commercial, technical, mechanical, engineering, industrial or otherwise"*

117. Jirriżulta wkoll illi, bħala parti mis-servizzi li kienu ser jipprovdu, kien hemm dak ta' spezzjoniijet marittimi permezz ta' ROV li l-istess rikorrenti kienu akkwistaw fl-aħħar tas-sena 2003.

118. Jirriżulta illi, sa dakinhar illi seħħ l-akkadut, ossija t-3 ta' Ġunju 2004, ir-rikorrenti kienu għadhom, la ffurmaw il-kumpannija CDMS Ltd, kif ġia fuq indikat, u wisq anqas bdew jipprovdu servizz kummerċjali, iżda kienu għadhom fi stadju illi jipprovaw l-apparat illi huma kienu akkwistaw '*second hand*'.

119. Jirriżulta illi wara l-akkadut, f'Diċembru tas-sena 2004, ir-rikorrenti kienu reġgħu akkwistaw żewġ ROV's identiċi għal dawk illi kienu ġġarfu riżultat tal-akkadut, bl-istess prezz ta' dawk ta' qabel, liema ROV's wasslu fi Frar 2005, iżda kellhom problemi bihom, u għalhekk spiċċaw ma setgħux jipprovdu s-servizz mixtieq bihom. Eventwalment, fis-sena 2009, jiġifieri ħames snin wara l-akkadut, is-soċjeta' CDMS Limited, allura ffurmata, akkwistat ROV's differenti, li din id-darba swew €82,000.

120. Jirriżulta, għalhekk, illi bejn l-akkadut, u x-xirja eventwali tat-tieni sett ta' ROV's, ossija bejn Ġunju 2004 u Frar 2005, ir-rikorrenti kienu fl-impossibilta' illi joperaw servizz permezz ta' ROV's.

121. Jirriżulta illi, għalhekk, il-Qorti għandha tqis illi kwalsiasi qliegħ illi setgħu jagħmlu r-rikorrenti, f'tali perjodu, għandu jitqies bħala telf ta' qliegħ, illi għalih iridu jagħmlu tajjeb il-persuni responsabbli għall-akkadut – Paul Demicoli u Kevin Bonnici.

122. Hawnhekk, il-Qorti tagħmel referenza għal dak mitlub mir-rikorrenti, fejn estendew il-perjodu ta' *lucrum cessans* għal sentejn wara li akkwistaw il-ROV's biex jirrimpjazzaw dak li ġġarfu, jiġifieri sas-sena 2007. Din il-Qorti ma taqbilx ma' tali rikjesta, u tirrileva li, fi Frar 2005, ir-rikorrent akkwistaw żewġ ROV's oħra sabiex jirrimpjazzaw dak li kienu ġarrfu, u għalhekk kienu f'posizzjoni illi joperaw mill-ġdid. Għalhekk, ir-rikorrenti ma jistgħux jikkontendu li kellhom telf ta' qliegħ sas-sena 2007. Apparti minn hekk, għalkemm ir-rikorrenti jikkontendu illi r-ROV's li kienu ġġarfu kienu jaħdmu tajjeb filwaqt illi dawk li ġabu biex jirrimpjazzaw, ma ħadmux tajjeb, il-Qorti ma tistax ma tosservax illi r-rikorrenti ma jistgħux b'ċertezza jikkonfermaw illi r-ROV's li kellhom qabel, li kienu <u>identiċi</u> għal dawk li sussegwentement ġabu, ma kinux ser jsofru mill-istess problemi li kellhom it-tieni sett ta' ROV's. Għalhekk, il-fatt li t-tieni sett ta' ROV's ma ħadmux u, għalhekk, ma ġġenerawx il-qliegħ mixtieq, ċertament ma jistax jiġi attribwit għal fatt li ġġarfu l-ewwel sett ta' ROV's, stante illi l-ewwel sett ta' ROV's qatt ma jidher li ġew użati fix-xogħol, u għalhekk qatt ma ġew sottoposti għall-kundizzjonijiet li wasslu għat-tieni sett ta' ROV's biex ifallu.

123. Di fatti, mid-dokumentazzjoni voluminuża ppreżentata mir-rikorrenti fil-mori tal-proċess odjern, jidher ċar illi, sa dakinhar tal-akkadut, ir-rikorrenti, personalment, kienu għadhom ma kellhom ebda ingaġġ uffiċjali għall-servizzi li eventwalment ma setgħux jagħmlu riżultat tat-telfien tal-apparat ROV.

124. Jirriżulta, iżda, illi r-rikorrenti kellhom varji rikjesti għal quotations għas-servizz tagħhom, fosthom, darba minnhom, għal *dive survey support* ġewwa l-Libya, kif jidher f'email li tinstab a fol 1576 – madanakollu, jidher illi r-rikorrenti ma ppreżentaw ebda '*quotation'* li kienet tissemma' f'tali korrispondenza sabiex il-Qorti tingħata stampa ċara dwar ir-rata minnhom adoperati dak iż-żmien.

125. Jirriżulta illi, fil-komputazzjoni tal-*lucrum cessans* kif redatta mill-abbli difensur tar-rikorrent, ġie indikat illi r-rikorrenti tilfu madwar (55) ħamsa u ħamsin ġurnata xogħol fis-sena 2004 u kull jum, ir-rata media konservattiva u raġjonevoli kienet ta' €1,500 kull jum, bir-riżultat li, skond ir-rikorrenti, fis-sena 2004, huma tilfu qligħ ta' madwar €82,500.

126. Jirriżulta wkoll, kif ġia fuq osservat, illi, b'żieda ma' dan, ir-rikorrenti jikkontendu wkoll illi għas-sentejn ta' wara, huma baqgħu jitilfu xogħol peress illi l-ROV's li kienu ġabu ma kinux qed jaħdmu kif mixtieq. Għalhekk, huma kkwantifikaw id-danni minnhom sofferti fis-sentejn ta' wara l-ammont ta' €360,000, jiġifieri €1,500 kull jum, għal madwar 120 ġurnata fis-sena, u dana għal sentejn.

127. Jirriżulta, għalhekk, illi l-ammont totali mitlub bħala '*lucrum cessans*' huwa ta' €442,500.

128. Mill-banda l-oħra, l-intimati jikkontendu illi tali kalkoli huma biss spekulattivi u mhux ibbażati fuq fatti, u illi ma jirrispekkjawx il-qliegħ dikjarat mir-rikorrenti stess mal-Awtoritajiet uffiċjali tat-taxxa għas-snin minn 2002 sa 2007.

129. Dwar ġranet ta' xogħol mitlufin, l-abbli difensur ta' Paul Demicoli jagħmel referenza għax-xhieda tar-rikorrent Pierre Bellizzi, li jidher li huwa l-persuna responsabbli mill-konteġġi kollha tal-attivita' kummerċjali tar-rikorrenti, fejn l-istess Bellizzi stqarr li f'sena, dak 'l hekk imsejjaħ "*actual weather window operational days*" ma kinux aktar minn 90 ġurnata – tali dikjarazzjoni, il-Qorti tirrileva, ma tikkombaċċjax mal-asserzjoni tal-abbli difensur tar-rikorrenti, li f'sena jkun hemm 120 ġurnata xogħol.

130. Il-Qorti tosserva wkoll illi, meta seħħ l-akkadut, nofs is-sena kienet ġia għaddiet, u għalhekk, tenut kont tal-assersjoni magħmula minn Bellizzi, fl-aħjar ipoteżi, għas-sena 2004, kien għad fadallhom 45 ġranet ta' xogħol prospettiv. Il-Qorti hawnhekk tirrileva li filwaqt li d-difensur ta' Paul Demicoli jindika li fil-perjodu meta r-rikorrenti ma kellhomx ROV's, kellu jiġi ikkunsidrat li tilfu 30 ġurnata xogħol, il-Qorti tqis illi jkun aktar raġjonevoli illi dawna jitqiesu komplessivament bħala 45 ġurnata xogħol għas-sena 2004 u 15-il ġurnata għax-xahrejn sa Frar 2005, li jagħmlu total ta' **60 ġurnata**.

131. Il-Qorti tosserva wkoll illi, kif osservat korrettement il-konsulent legali tal-Perit Joseph Falzon, jirriżulta mid-dokumentazzjoni eżebita minn Pierre Bellizzi, illi fis-snin 2015 sa 2018, ossija għaxar snin wara l-akkadut, ROV's aktar avvanzati minn dawk fil-pussess tar-rikorrenti meta seħħ l-akkadut, kienu jinkrew għal bejn 200 Stg sa 250 Stg kull jum, ossija madwar €250 sa €300 kull jum.

132. Ikkunsidrat illi l-kirijiet fuq imsemmija huma lkoll suġġetti għal skont ta' 30%, kif jidher fl-invoices ppreżentati, kif ukoll illi huma maħruġa fis-snin 2016/2017 u b'apparat aktar modern minn dak li ġġarraf, il-Qorti tqis illi s-somma ta' €150 kull jum għal kiri ta' kull ROV li ġġarraf, fis-sena 2004/2005, hija waħda ġusta u meritevoli, meta tqis illi dawna l-valur għandhom jirrispekkjaw dak kkontemplat fis-sena 2004, jiġifieri tnax-il sena qabel.

133. Għaldaqstant, tenut kont ta' dana l-osservazzjonjiet kollha, il-Qorti tqis illi, bħala *lucrum cessans*, ir-rikorrenti għandhom jigu kkumpensati għal 60 ġurnata xogħol għal kull wieħed mill-ROV, jiġifieri 120 gurnata b'kollox, bir-rata ta' €150 kull jum, li f'total jagħmlu telf ta' qliegħ fl-import ta' **tmintax-il elf Euro (€18,000)**.

## Danni dovuti

134. Abbażi tal-konsiderazzjonjiet fuq magħmula, d-danni li għandhom jiġu likwidati a favur tar-rikorrenti għandhom ikunu s-segwenti:

   a. **mija u erbgħin elf, ħames mija u sebgħa u sittin Euro (€140,567)**, bħala spejjeż għar-rikostruzzjoni tal-garage tar-rikorrenti konjuġi Spagnol.
   b. **disgħa u ħamsin elf, disgħa mija u ħamsa u ħamsin Euro (€59,955)** bħala kumpens għall-oġġetti kollha mġarrfa ġewwa il-garage tar-rikorrenti.
   c. **Tmintax-il elf Euro (€18,000)** bħala telf ta' qliegħ sa Frar 2005, ossija *lucrum cessans*.

135. Jirriżulta illi, għalhekk, it-total tad-danni għandu jammonta għall-ammont ta' **mitejn u tmintax-il elf, ħames mija u tnejn u għoxrin Euro (€218,522)**.

136. Jirriżulta wkoll illi, kif ġia osservat, filwaqt illi kemm Paul Demicoli u Kevin Bonnici huma responsabbli għall-akkadut, il-Qorti tqis illi r-responsabbilta' ta' Kevin Bonnici hija ferm anqas minn dik ta' Paul Demicoli, illi kien attwalment il-persuna illi unilateralment ddeċieda illi jmur kontra l-pariri ta' kulħadd u jagħti struzzjonijiet lil Bonnici sabiex iqatta' s-suletta tal-konkos u l-blat ta' taħtu.

137. Għaldaqstant, il-Qorti tqis illi Kevin Bonnici għandu jerfa' sehem ta' wieħed minn sitta (1/6th) tar-responsabbilta', kemm bħala danni pagabbli lir-rikorrenti kif ukoll bħala spejjeż, filwaqt illi Paul Demicoli għandu jerfa' sehem ta' ħamsa minn sitta (5/6th) tar-responsabbilta', danni u spejjeż.

**Konklużjoni**

**Il-Qorti**,

Wara illi rat l-atti u semgħet x-xhieda;

Wara illi rat ir-rapport tal-abbli Perit Arkitett Marie Louise Caruana Galea imqabbda sabiex tirrelata dwar responsabbilta' u danni;

Wara illi rat is-sottomissjonijiet ta' l-abbli difensuri tal-partijiet kollha;

Tgħaddi biex taqta' u tiddeċiedi l-vertenza billi:

**Tiċħad** l-eċċezzjonijiet kollha ta' Paul Demicoli u Kevin Bonnici.

**Tilqa'** l-eċċezzjonijiet tal-Perit Joseph Falzon u Asfaltar Limited u tiddikjarahom mhux responsabbli għad-danni, u għalhekk;

**Tilqa'** t-talba rikorrenti kif dedotta billi:

**Tiddikjara** lil **Paul Demicoli**, s-soċjeta **Nick Demicoli Construction Limited** u **Kevin Bonnici** unikament responsabbli għad-danni kkawżati lir-rikorrenti wara li, fit-3 ta' Ġunju 2004, iġġarraf il-block ta' appartamenti St. Francis Flats li fil-livell terran tiegħu r-rikorrenti konjuġi Spagnol kellhom garage, liema responsabbilta' għandha tinġarr kwantu għal sehem ta' wieħed minn sitta (1/6) minn Kevin Bonnici w il-kumplament, ossija sehem ta' ħamsa minn sitta (5/6) minn Paul Demicoli u Nick Demicoli Construction Limited.

**Tillikkwida** d-danni sofferti mill-konjuġi Lawrence u Rita Spagnol konsistenti fl-ispejjeż relatati mar-rikostruzzjoni tal-garage, fl-ammont ta' **mija u erbgħin elf, hames mija u sebgħa u sittin Euro (€140,567)**.

**Tillikwida** d-danni sofferti mill-konjuġi Lawrence u Rita Spagnol u r-rikorrent Pierre Bellizzi flimkien, konsistenti f'għodda u materjal mitlufa kif ukoll telf ta' qliegħ, fl-ammont ta' **disgħa u ħamsin elf, disgħa mija u ħamsa u ħamsin Euro (€59,955)** bħala kumpens għall-oġġetti kollha mġarrfa u **tmintax-il elf Euro (€18,000)** bħala telf ta' qliegħ sa Frar 2005, li flimkien jagħmlu total ta' **sebgħa u sebgħin elf, disgħa mija u ħamsa u ħamsin Euro (€77,955).**

**Tikkundanna** lill-intimat **Kevin Bonnici** iħallas, esklussivament lill-konjuġi Lawrence u Rita Spagnol, is-somma ta' ***tlieta u għoxrin elf, erbgħa mija u sebgħa u għoxrin Euro (€23,427)*** għar-rikostruzzjoni tal-garage u lil Lawrence u Rita Spagnol u Pierre Bellizzi solidament flimkien, is-somma ta' ***tnax-il elf, disgħa mija u tnejn u disgħin Euro (€12,992)*** għall-beni fil-garage meqruda u telf ta' qliegħ, u dan bħala s-sehem ta' wieħed minn sitta (1/6) kif fuq deskritt.

**Tikkundanna** lil **Paul Demicoli** u s-soċjeta kontumaċi **Nick Demicoli Construction Company Limited**, iħallsu esklussivament lill-konjuġi Lawrence u Rita Spagnol, is-somma ta' ***mija u sbatax-il elf, u mija u erbgħin Euro (€117,140)*** għar-rikostruzzjoni tal-garage u lil Lawrence u Rita Spagnol u Pierre Bellizzi solidament flimkien, is-somma ta' ***erbgħa u sittin elf, disgħa mija u tlieta u sittin Euro (€64,963)*** għall-beni fil-garage meqruda u telf ta' qliegħ, u dan bħala s-sehem ta' ħamsa minn sitta (5/6) kif fuq deskritt.

**Spejjeż** tal-proċeduri odjerni kollha ikunu, kwantu għal sehem ta' wieħed minn sitta (1/6) a kariku ta' Kevin Bonnici u għar-rimanenti sehem ta' ħamsa minn sitta (5/6) a kariku ta' Paul Demicoli.

**Imgħax** fuq l-ammont hekk likwidat huwa dovut mid-data tas-sentenza sad-data tal-pagament effettiv.

**Francesco Depasquale LL.D. LL.M. (IMLI)**
**Imħallef**

**Rita Sciberras**
**Deputat Reġistratur**